**Emenda 63**
**Ramon Tremosa i Balcells**
f'isem il-Grupp ALDE
**Mathieu Grosch**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A7-0034/2014**
**Mathieu Grosch**
Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4 – punt aa (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1370/2007
Artikolu 5 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Il-paragrafu 5 jinbidel b'li ġej:*** |
| | **'5. Fl-eventwalità ta' tfixkil ta' servizzi jew ir-riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza.** ***Sitwazzjoni ta' emerġenza tista' tinkludi l-inabilità min-naħa tal-awtorità kompetenti li tagħti bidu għal proċedura ta' sejħa għall-offerti fi żmien xieraq għal kuntratt ta' servizz pubbliku u/jew li tagħti dak il-kuntratt lil operatur fi żmien xieraq. Din il-miżura ta' emerġenza għandha tieħu l-forma ta' għotja diretta jew ftehim formali għall-estensjoni ta' kuntratt ta' servizz pubbliku jew rekwiżit li jiġu pprovduti ċerti obbligi ta' servizz pubbliku. L-operatur tas-servizz pubbliku għandu jkollu d-dritt li jappella kontra d-deċiżjoni li tiġi imposta d-dispożizzjoni ta' ċerti obbligi ta' servizz pubbliku. L-għoti jew l-estensjoni ta' kuntratt għal servizz pubbliku b'miżura ta' emerġenza jew l-impożizzjoni ta' tali kuntratt m'għandux jeċċedi sentejn.'*** |

Or. en